# O Żmien Ħelu...

## ...Graffiti mal-ħajt tas-Santwarju tal-Kunċizzjoni ...

*tagħrif u ritratti minn Raymond C. Xerri, B.A.(Hons.)(USA), EU.Sch.(FRG), D.D.S.*



Min jara xi film maħdum f'xi belt kbira fl-Amerika jew l-Ewropa għandu josserva ħafna graffiti mal-ħitan, b'kuluri diversi, b'turija ta' xeħta artistika, jew korla żagħżugħa kontra s-soċjeta' jew sempliċi mod kif wieħed jesprimi ruħu. Wara ftit taż-żmien dawn il-graffiti għebu mħabba xita jew xi kisja żebgħa. Ideat mitlufa... għal dejjem. Kontu tafu li l-Qala tagħmel parti minn din il-kultura? Il-Graffiti fil-Qala? Hekk hu, graffiti fil-Qala, pero' b'differenza! Dawn il-graffiti m' humiex xi ħaġa li saret riċenti, jew b'xi żebgħa, pero' saret f-isfond ta' biża' ta' vjolenza.

Mal-ħajt tas-Santwarju tal-Immakulata Kunċizzjoni fil-Qala, insibu mill-anqas għaxar graffiti mnaqqxa fil-ġebla tal-franka. Dawn jesprimu forom ta' iġfna. L-iġfna skond id-disinn tagħhom huma ta' żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann jiġifieri bejn l-1530 u 1798. Dawn l-iġfna jtajru waħda minn żewġ bnadar, jew dik tal-Ordni ta' San Ġwann jew tan-Nofs Qamar jiġifieri tat-Torok. Dawn il-graffiti jinsabu man-naħa t'isfel tal-ħajt, in-naħa tal-Punent tas-Santwarju. Minn dan l-anglu wieħed faċilment jista' jara xena sabiħa ħafna - dik ta' bejn Kemmuna u Ħondoq.

Dawn il-graffiti fuq il-ħajt tas-Santwarju setgħu saru waqt xi battalja tal-Ordni ta' San Ġwann kontra l-eżerċitu tan-Nofs Qamar minn xi diletant. Jew forsi saru biex ifakkru xi wegħdiet li kienu saru mill-Qalin ta' dak iż-żmien, ovvjament biex jirbaħ l-Ordni ta' San Ġwann. Jista' jkun ukoll li kull ġifen li ġie mmarkat mal-ħajt jissimbolizza rebħa ta' xi battalja jew oħra. Ta' min josserva li ħdejn dawn l-iġfna hemm ukoll sett slaleb. Dawn jidhru li huma slaleb ta' żmien il-Kruċjati, pero' jista' jkun li dawn tnaqqxu minn xi bandiera ta' l-Ordni li nġabet Malta minn Rodi, meta l-Ordni kienet tkeċċiet mill-Ottomani.

Hu x'inhu l-iskop li dawn ġew imnaqqxa mal-ħajt tas-Santwarju, żgur li huma wirt ta' min japprezzah u jieħu ħsiebu. Dawn il-graffiti saru f'xi żmien fil-ħakma tal-Ordni f'Malta jiġifieri dawn għandhom bejn 300 u 350 sena. Dan għadhom magħna minkejja li għaddew minn daqstant temp xitwi u sajfi għal tant żmien. Dan huwa wkoll parti mill-espressjoni u l-istorja tar-raħal tagħna. O żmien ħelu...ibqa' magħna!











